MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 2024/2000/1

**Konrad Scotto**

***Versus***

**Michael Caruana, l-editur tal-ġurnal *In-Nazzjon*, u Benny Agius, awtur tal-kitba fil-ġurnal *In-Nazzjon***

Din il-kawża hija dwar libell famuż.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi f'paġna tmienja (8) tal-ħarġa ta' *In-Nazzjon* ta' nhar is-Sibt, 19 t'Awissu 2000, ġie pubblikat artikolu fuq il-firma tal-konvenut Benny Agius bl-isem "*Bdew is-Sajf fl-infern b'nuqqas ta' responsabbiltà*". Dan l-artikolu huwa mibni fuq fatti li wħud minnhom ma humiex preċiżi, u oħrajn li ma humiex veri. L-artikolu wkoll jattribwixxi lill-ispettur tas-saħħa responsabbli għad-distrett taż-Żejtun fatti u allegazzjonijiet li jagħtu malafama, skond l-artt. 3 u 11 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-attur Konrad Scotto huwa l-ispettur tas-saħħa waħdieni fid-distrett taż-Żejtun, u għalhekk il-fatti u allegazzjonijiet

malafamanti kienu magħmula kontra tiegħu. Fost dawn il-fatti hemm is-siltiet li ġejjin:

a. Familja miż-Żejtun bdiet dan is-Sajf f'kondizzjonijiet mill-agħar minħabba l-atteġġjament li wera fil-konfront tagħhom Spettur tas-Saħħa. Huma kellhom igħaddu xhur sħaħ mingħajr sistema tad-drenaġġ wara ħsara, bir-riżultat li anke sofrew effetti fuq saħħithom … … …

b. Skond il-koppja Attard, l-ispettur lanqas biss segwa l-proċedura normali biex isiru t-testijiet għalhekk il-missier ħa l-inizjattiva personali u qabbad lil min jagħmillu t-testijiet privatament.

c. Matul dan iż-żmien kollu l-ispettur in kwistjoni ma wera l-ebda ħeġġa biex il-każ tal-familja Attard jimxi 'l quddiem

d. Dan ma jnaqqas xejn min-nuqqas ta' responsabbiltà li ntweriet minn min suppost kellu jġib 'il quddiem, qabel kull interess ieħor, is-saħħa tal-persuni … … … Barra minn hekk l-awtoritajiet għandhom jaraw li min għandu r-responsabbiltà li jieħu ċertu deċiżjonijiet, b'mod partikolari fejn tidħol is-saħħa, m'għandux iħalli interessi oħrajn ixekkluh milli jieħu dawn id-deċiżjonijiet mingħajr dewmien.

Għalhekk, billi deherlu illi dawn l-allegazzjonijiet u stqarrijiet saru bil-ħsieb li jtellfulu l-ġieh jew li jnaqqsu mir-reputazzjoni professjonali tiegħu fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu, u jagħtuh jedd illi jitlob somma ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira (Lm5,000) taħt l-art. 28 tal-Kap. 248, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-artikolu fuq imsemmi, u l-aktar is-siltiet miġjuba fuq, huwa libelluż u bih il-konvenuti jagħtu malafama lill-attur; u

2. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur somma li tffissa l-qorti, li ma tkunx iżjed minn ħamest telef lira (Lm5,000), bħala danni għall-malafama.

Talab ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni illi l-pubblikazzjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni ssemmi fatti li huma lesti illi jagħmlu prova tal-verità tagħhom, u kummenti li huma *fair comment*.

Il-fatti li wasslu għal dan il-każ ġraw hekk:

Fid-dar tal-familja Attard fiż-Żejtun kien hemm ħsara fid-drenaġġ u minħabba f'hekk kien hemm irwejjeħ jintnu fid-

dar, u Attard ma setgħux jinqdew bis-servizzi fid-dar tagħhom. Kevin Attard, il-missier tal-familja, għamel rapport ma' l-awtoritajiet tas-saħħa u l-konvenut, bħala l-ispettur tas-saħħa għad-distrett taż-Żejtun, mar fuq il-post u, wara li għamel dak li jissejjaħ *pressure test*, sab li tassew kien hemm ħsara fis-sistema tad-drenaġġ fid-dar ta' Attard, u għalhekk ordna lil Attard, bħala sid id-dar, biex jagħmel it-tiswijiet meħtieġa.

Li jidher li kellhom f'moħħhom Attard, iżda, ma kienx li l-attur igħidilhom biex jagħmlu t-tiswijiet meħtieġa; li riedu hu li l-attur jitfa' l-ħtija għal dak li ġara fuq il-ġâr tagħhom għax riedu jgħidu illi l-ħsarat ġraw minħabba xogħlijiet li għamel il-ġâr. Id-dmir ta' l-attur, iżda, kien li jara jekk kienx hemm perikolu għas-saħħa u, jekk ikun hemm dak il-perikolu, li jordna lis-sid jagħmel it-tiswijiet meħtieġa; ma hux id-dmir tiegħu li jaqta' l-kwistjoni ċivili bejn Attard u l-ġâr tagħhom u jgħid, kif jidher li riedu Attard, li t-tiswijiet fis-sistema ta' Attard kellu jagħmilhom il-ġâr għax kien dan li jaħti għall-ħsara.

U hawn beda l-inkwiet bejn l-attur u Attard. Attard ma għamlux it-tiswijiet kif ordnalhom l-attur għax dehrilhom li l-ħtija kienet ta' ħaddieħor. Sakemm ix-xogħlijiet ma sarux baqgħu ma setgħux jinqdew bis-servizzi, u bdew isiru l-allegazzjonijiet, li mbagħad dehru fuq l-artikolu pubblikat li dwaru saret il-kawża, illi l-attur ma kienx qiegħed jaqdi dmiru u li kellu xi interessi ulterjuri.

L-artikolu huwa mibni fuq dawn il-premessi li lkoll huma żbaljati:

1. illi l-attur ma għamilx *tests* biex jara kienx hemm ħsara; fil-fatt għamel it-*test* u sab illi l-ħsara kienet fis-sistema ta' l-attur;

2. illi l-attur ma qediex dmiru għax ma ordnax lill-ġâr jagħmel it-tiswijiet meħtieġa; fil-fatt ma kienx dmir l-attur igħid il-ħtija ta' min kienet iżda d-dmir tiegħu, taħt l-art. 97 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, kien illi jordna lis-sid jagħmel it-tiswijiet meħtieġa. Dan id-dmir l-attur qdieh meta ordna lis-sid — il-familja Attard — biex jagħmel it-tiswijiet;

3. illi l-familja Attard damu żmien twil ma jistgħux jinqdew bis-servizzi fid-dar tagħhom minħabba n-nuqqas ta' ħeġġa ta' l-attur li jaqdi d-dmir tiegħu; fil-fatt damu bla servizzi għax ma mxewx mill-ewwel fuq l-ordni ta' l-attur li

jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa għax baqgħu jippretendu illi l-attur jitfa’ l-ħtija fuq il-ġâr; u

4. illi l-attur naqas milli jaqdi d-dmir tiegħu għax kellu “interessi oħra jxekkluh”; fil-fatt l-attur ma naqasx mill-qadi tad-dmir tiegħu, u ma nġiebet ebda prova li kien qiegħed iħares xi interessi barra dawk tas-saħħa pubblika.

Billi għalhekk il-fatti attribwiti lill-attur huma foloz, il-konvenuti ma jistgħux jistrieħu la fuq id-difiża tal-verità tal-fatti u lanqas fuq dik ta’ *fair comment*.

Il-pubblikazzjoni tagħti malafama lill-attur għax takkużah, fuq premessi ħżiena, li ma qediex id-dmir tiegħu u ħalla interessi oħra jidħlu bejnu u l-qadi tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu.

Wara li qieset is-serjetà ta’ l-allegazzjonijiet kontra l-attur, li setgħu daħħluh f’inkwiet mas-superjuri tiegħu, u qieset ukoll illi fl-artikolu ma jissemmiex b’ismu, u għalhekk huwa limitat in-numru ta’ nies li setgħu jafu illi l-persuna li kontrieha saru l-allegazzjonijiet huwa l-attur, il-qorti hija tal-fehma illi s-somma ta’ erba’ mitt lira (Lm400) tkun somma xierqa bħala danni għall-malafama.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tgħid illi dawn taw malafama lill-attur, tillikwida d-danni minħabba l-malafama fis-somma ta’ erba’ mitt lira (Lm400) u tikkundanna lill-konvenuti flimkien iħallsu lill-attur dik is-somma flimkien ma’ l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------